MINUTI

# Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

Laqgħa Numru 42/2018

It-Tlieta 9 t'Ottubru 2018

Il-Kumitat Amministratttiv għal Marsalforn iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson
Is-Sur Martin Cefai – Membru
Is-Sinjura Sandra Grech – Membru
Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – Ex Officio

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI:
Is-Sur Frank Fenech – Deputat Chairperson
Is-Sur Simon Salomone Reynaud – Membru

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Iċ-*Chairperson* ippresjediet il-laqgħa.

### 42.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

42.1.1 Iċ-*Chairperson* qalet li l-kumitat ma rċieva l-ebda ittra ta' apoloġija mill-membri li ma kienux preżenti.

### 42.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

42.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħat bin-nru. 40/2018 u bin-numru 41/2018 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

42.2.2 Iċ-*Chairperson* talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

42.2.3 Iċ-*Chairperson* talbet għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 42.3 Komunikazzjoni miċ-Chairperson

42.3.1 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-membri li l-bollards ta' quddiem il-'Mellows Bar' u dawk ta' ħdejn il-'Plajja Guesthouse' għandhom jitneħħew peress li mill-1 t'Ottubru 2018 din it-triq ma tingħalaqx aktar. Talbet lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex javża lill-Pulizija tal-għassa u jinġabru hemm stess.

42.3.2 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-membri li minħabba l-maltemp ir-rampa tal-injam li tinsab fil-bajja ta' quddiem l-għassa ġarrbet ħsarat konsiderevoli. Hi qalet li ser tinġabar imbagħad terġa' titranġa x'ħin joqrob l-istaġun tas-Sajf.

42.3.3 Iċ-Chairperson infurmat lill-membri li wara li fil-laqgħat li għaddew ġie approvat li jiġu riveduti r-*roadmarkings* ta' Triq Għar Qawqla, hi spejgat lill-membri kif iridu jiġu u kien hemm qbil dwar dan. Qalet li hemm bżonn issir laqgħa fuq il-post ma' Transport Malta dwar dan.

## 42.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Membri

42.4.1 Is-Sinjura Sandra Grech staqsiet dwar it-tqassim tar-reklami bieb bieb f' Marsalforn li qed jispiċċaw jintremew fit-triq. Wara diskussjoni mill-membri preżenti ġie deċiż li lin-negozji ma tistax timpedihom milli jirreklamaw bieb bieb f'Marsalforn madanakollu n-nies għandhom ikunu aktar responsabbli u ma jarmux fit-triq.

42.4.2 Is-Sinjura Sandra Grech talbet li ssir tabella bi vleġġa lejn Triq Santa Marija sabiex il-karrozzi li qed joħorġu mill-garaxxijiet fi Triq il-Forn ma jmorrux kontra l-linja iżda jsuqu lejn Triq Santa Marija. Kien hemm qbil dwar dan.

42.4.3 Is-Sinjura Sandra Grech staqsiet dwar id-dwal fi Triq il-Qbajjar li minn Triq Santa Marija tmur għal tal-Merżuq. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din it-talba diġa saret lill-Ministeru għal Għawdex fuq is-sistema tagħhom. Iċ-*Chairperson* wieġbet li l-Ministru darba qaltilha li dik it-triq ser titwessa', se jsiru bankini ġodda u tiddawwal it-triq ukoll.

42.4.4 Is-Sindku rringrazzja lill-Ministru għal Għawdex l-Onor. Justyne Caruana għax-xogħol li sar fil-latrina tal-parkeġġ ta' Marsalforn u staqsa jekk xi ħadd mill-membri għandux xi ħjiel meta ser tinfetaħ għall-użu tal-pubbliku. Is-Sinjura Sandra Grech wieġbet li għandha informazzjoni li għaddej it-tindif għax ix-xogħol kważi lest u dalwaqt tinfetaħ għall-pubbliku.

42.4.5 Is-Sindku qal li ġibdulu l-attenzjoni li fil-wied ta' wara l-parkeġġ ta' Marsalforn qed jgħaddu biż-żwiemel u qed issir ħsara fil-passaġġ tal-konkos. Il-membri qalu li tkun ħasra li wieħed jillimita' l-aċċess għal dawk li jmorru *horse riding* f'dawk l-inħawi biex jaraw is-sbuħija li joffri l-post.

42.4.6 Is-Sindku qal li għandha issir talba lid-dipartiment tal-*beaches* sabiex jitranġa it-taraġ li jagħti għall-bajja tal-qbajjar minħabba l-periklu li hemm kif ukoll issir talba oħra biex isir tindif fil-wied ta' Marsalforn.

## 42.5 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kumitat Amministratttiv għal Marsalforn li jkunu meħtieġa;

42.5.1 Applikazzjoni għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:

- Gary Doyle obo *Glass Box Bar* – 4 ta' Novembru 2018;

Il-membri tal-Kumitat ma sabu l-ebda oġġezzjoni sakemm jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet tal-Kunsill u tal-pulizija.

42.5.2 Il-Kumitat irċieva ittra legali mill-avukat ta' Richard Grech ta' 'Smiley's Restaurant' dwar il-volum ta' mużika eċċessiva waqt l-attivitajiet imtella' minn 'Glass Box Bar'. Fl-ittra ntqal li il-Kumitat li qed jagħti dawn il-permessi, ser jinżamm responsabbli għad-danni li qed isoffri Richard Grech waqt dawn l-attivitajiet fejn il-klijenti tiegħu qed jitilqu minħabba l-volum għoli tal-mużika.  Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li wara li ċempel lis-Supretendent Curmi dwar il-każ ingħata l-parir li jagħti l-permess ġurnata b'ġurnata sabiex ikun jista' jinvestiga u jikkonferma dan il-każ minħabba l-fatt li jista' jkun hemm konflitt ta' interess bejn iż-żewġ kompetituri fin-negozju. Hu qal li jekk jinstab li l-volum veru qed ikun għoli ħafna iwaqqaf l-attivita' dak il-ħin u jingħatax aktar permessi. Kien hemm qbil  mill-membri preżenti dwar dan.

42.5.3 Il-Kumitat irċieva korrispondenza mingħand is-Sur Frank Pavia dwar bankina li qed isservi bħala miżbla u l-post mitluq wara din il-bankina fil-kantuniera ta' Triq it-Torn ma' Triq il-Qbajjar, li qed iservi bħala post fejn jintrema' l-iskart. Iċ-*Chairperson* qalet li xi żmien ilu kienet saret riċerka min-nutar dwar dan il-post u kien irriżulta li hemm każ pendenti fil-qorti. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-ġimgħa l-oħra tqassam avviż bieb bieb f'Marsalforn bl-iskeda l-ġdida tal-ġbir tal-iskart. Ġie deċiż li titwaħħal tabella biex ma jarmux żibel hemmhekk u navżaw lid-dipartiment tal-*cleansing* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex biex il-bankina tinkines aktar spiss.

42.5.4 Il-Kumitat irċieva korrispondenza minn Karkanja Ltd għal 'No Objection in Principle' biex issir bankina temporanja quddiem is-sit ta' kostruzzjoni fi Triq il-Wied. Il-membri tal-Kumitat ma sabu l-ebda oġġezzjoni sakemm jiġu rrispettati il-kundizzjonijiet.

42.5.5 Il-Kumitat irċieva korrispondenza minn ERA dwar il-qlugħ ta' siġra awrikarja fi Pjazza San Pawl Marsalforn minħabba l-periklu li tista' tikkaġuna. L-ERA talbet lill-Kumitat jipprovdi konferma li din is-siġra

m'għandhiex aktar minn ħamsin sena u wara li l-Kumitat bagħat lil ERA dikjarazzjonijiet li din is-siġra għandha ħamsa u erbgħin sena, l-ERA wieġbet li permessi għal dan ix-xogħol m'hemmx bżonn u din is-siġra tista' titneħħa biex ma jkunx hemm periklu. Dan ix-xogħol ser isir mill-ħaddiema tad-dipartiment tal-agrikoltura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex filwaqt li l-Kunsill irid jipprovdi *cherry picker*. Kien hemm qbil dwar dan.

42.5.6 Il-Kumitat irċieva korrispondenza mill-Awtorita' tal-Ippjanar dwar il-bilanċ tal-*Urban Improvement Fund* li jammonta għal €273,858.87. Kien hemm qbil mill-membri preżenti li dawn il-fondi jintużaw biex jinbidel ir-*railing* ta' Triq Santa Marija, jitranġa il-ġnien u l-passaġġ pubbliku li hemm fi Triq Santa Marija qabel il-parkeġġ tal-*promenade*, jitranġa l-passaġġ fi Triq is-Sajjied, u jsiru fanali dekorattivi ġodda fil-*promenade* ta' Triq il-Wied, fi Triq il-Qbajjar k/m Triq il-Qolla s-Safra, fi Triq Għar Qawqla u Triq id-Duluri.

42.5.7 Ilment KAM 43/2018 – L. Calleja
Titlob biex isiru *double yellow lines* ta' metru maġenb il-garaxx fi Triq Manwel Magro. Kien hemm qbil dwar dan.

42.5.8 Ilment KAM 44/2018 – P. Sammut
Jitlob biex fil-bankina eżistenti fi Triq il-Qbajjar quddiem 'Lighthouse Supermarket' ssir rampa. Kien hemm qbil dwar dan.

42.5.9 Ilment KAM 45/2018 – M. Azzopardi
Jitlob biex isiru *double yellow lines* ta' metru kull naħħa maġenb il-garaxx fi Triq Santa Marija. Kien hemm qbil dwar dan.

42.5.10 Ilment KAM 46/2018 – M. Rapa
Titlob biex isiru *double yellow lines* ta' metru kull naħħa maġenb il-garaxx fi Triq tan-Naħla. Kien hemm qbil dwar dan.

42.5.11 Ilment KAM 47/2018 – J. Gatt
Biex isiru *double yellow lines* fejn mhux suppost isir parkeġġ fil-passaġġ ta' Triq is-Sajjied u jitranġa l-istess passaġġ bil-konkos. Kien hemm qbil mill-membri dwar id-*double yellow lines* u biex jitranġa l-passaġġ isir mill-fondi tal-UIF.

42.5.12 Ilment KAM 48/2018 – M. Grech
Titlob biex terġa' tinżebah il-kaxxa s-safra biex ma jipparkjawx fiha peress li tneħħiet meta sar ix-xogħol fi Triq Għar Qawqla. Kien hemm qbil dwar dan.

42.5.13 Ilment KAM 49/2018 – P. Azzopardi
Jitlob biex titranġa l-bankina quddiem ir-residenza tiegħu fi Triq Santa Marija. Kien hemm qbil dwar dan.

42.5.14 Ilment KAM 50/2018 – P. Caudle
Titlob biex jintfew il-*floodlights* li jagħtu għal fuq il-*waterpolo pitch* bejn 7pm u 7am. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jintfew kompletament issa li spiċċa l-istaġun tal-*waterpolo*.

42.5.15 Ilment KAM 51/2018 – W.Sultana
Wara l-artiklu li ġie ppublikat fuq is-sit 'lovinmalta.com' fil-5 ta' Settembru 2018, il-*contracts manager* qed jissuġġerixxi sabiex il-Kumitat iqabbad lil xi ħadd professjonali fuq il-qasam u jittieħed parir dwar il-kura tas-siġar fil-ġonna speċjalment dak tal-*promenade* tal-qbajjar. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

42.5.16 Ilment KAM 52/2018 – D. Cordina

- Jitlob sabiex isiru l-kaxxi l-bojod tal-parkeġġ f'kull triq f'Marsalforn. Ma kienx hemm qbil mill-membri preżenti.
- Suġġeriment biex isir *resident parking* b'ċerti parkeġġi jinżebgħu ħodor. Ma kienx hemm qbil dwar dan peress li diffiċli tikkontrolla min hu resident permanenti u min le avolja jkollhom il-karta tal-identita' fuq Marsalforn.
- Jitlob biex il-Kunsill javża lill-awtorita' kkonċernata sabiex jerġa jiġi nstallat il-*winch* tad-dgħajjes li kien hemm fil-Menqa ħdejn il-latrina. Kien hemm qbil dwar dan.

42.5.17 Ilment KAM 53/2018 – E. Debono

- Jitlob sabiex it-tabelli biex ma jsirx parkeġġ fejn kien hemm il-*winch* tad-dgħajjes fil-Menqa jerġgħu jsiru. Il-membri qalu li dalwaqt ser jibda ix-xogħol fuq il-masterplan ta' dik iż-żona u ser isiru tabelli mill-ġdid mill-Ministeru għal Għawdex.
- Jilmenta dwar l-istat tal-bankini fi Triq ix-Xagħra fuq ix-Xellug direzzjoni lejn ix-Xagħra sabiex isiru mill-ġdid b'wisa' ta' 1.2metri

u mingħajr turġien. Il-membri qalu li mpossibli li dawk il-bankini jsiru mingħajr turġien minħabba li t-triq tinsab f'telgħa wieqfa wisq.

42.5.18 Ilment KAM 54/2018 – J. Hili
Jitlob biex issir *un/loading bay* quddiem il-garaxx tiegħu fi Triq il-Kaptan Frank Debono. Il-membri qalu li quddiem il-ħanut diġa hemm *un/loading bay* u fejn qed isemmi s-Sur Hili, il-Kumitat kien għamel metru *double yellow lines* fuq kull naħħa tal-garaxx u b'hekk diġa' għandu jkollu l-wisa' neċessarja biex jgħabbi u jħott għal ġol-garaxx tiegħu.

42.5.19 Ilment KAM 55/2018 – J.Borg
Jitlob biex isir *patching* fi Triq Santa Marija u Triq tan-Naħla. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li minħabba l-periklu li kien hemm f'dawn it-toroq, mid-data tal-ilment sal-lum sar xogħol ta' *patching*.

42.5.20 Ilment KAM 56/2018 – M. Cefai
Jitlob biex jitneħħa d-*double yellow line* ta' quddiem il-bieb ta' St. Mary's Flats minħabba li nuqqas ta' parkeġġ. Kien hemm qbil mill-membri preżenti la darba min kien għamel din it-talba m'għadx baqalu użu għalihom.

42.5.21 Ilment KAM 57/2018 – M. Sultana
Titlob biex jitranġaw il-bankini fi Triq il-Wied in-naħħa tal-promenade. Il-membri qalu li għandha ssir talba lill-Ministeru għal Għawdex kif bħalissa l-istess Ministeru qed jagħmel xi bankini f'dawk l-inħawi.

42.5.22 Ilment KAM 58/2018 – D. Cordina

- Jitlob sabiex tissewwa ħofra li hemm fi Triq Barda kantuniera ma' Triq il-Qolla s-Safra. Kien hemm qbil li titranġa bil-konkos.
- Jitlob sabiex tinżabar il-palma li hemm fi Triq Barda kantuniera ma' Triq il-Qolla s-Safra. Kien hemm qbil mill-membri preżenti li dan ix-xogħol isir mis-sezzjoni tal-agrikoltura.

42.5.23 Lejn tmiem il-laqgħa daħal fis-sala tal-Kunsill is-Sur Joe Sultana f'isem il-'Marsalforn Community Association'. Wara li wera' x-xewqa li jesprimi s-suġġerimenti tiegħu lill-membri tal-Kumitat, iċ-*Chairperson* tagħtu iċ-ċans iressaq il-proposti tiegħu. Huwa spjega l-viżjoni tiegħu u tal-

assoċjazzjoni li jippreżenta dwar it-tisbiħ u faċilitajiet ġodda f'Marsalforn u ppreżenta lill-membri xi desinji u pjanti ta' kif huwa maħsub li tiġi ġġenerata din il-bajja. Huwa talab sabiex il-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn jagħti s-sehem tiegħu billi jagħmel applikazzjoni mal-Planning Authority u japplika għall-fondi apposta sabiex il-*cables* tad-dawl u tal-kumpaniji tal-komunikazzjoni li jinsabu mad-dawra tal-port, jitneħħew minn mal-faċċati tal-binjiet u jiġu mgħoddija minn taħt l-art. Wara diskussjoni dwar dawn is-suġġerimenti, kien hemm qbil li l-Kumitat ikellem lill-Perit biex jiċċekja dwar dawn il-fondi mill-Planning Authority.

## 42.6 Mozzjonijiet;

Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 42.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kumitat intemmet fis-7.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tlieta 6 ta' Novembru 2018 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 6 ta' Novembru 2018.

*Iffirmata*
Marija Saliba
*Chairperson*

*Iffirmata*
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv